**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Edwina Grima LL.M., LL.D

Appell Nru. 146/2017

Seduta tas-26 ta' Ġunju 2019

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Philip Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Philip Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 373956(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Settembru 2016 fi 20:00hrs waqt li kont ġewwa St. John Flats, Triq il-Makna tas-Serrar, Msida:

1) Inġurja w għamel offiża fuq il-persuna tas-surġent 309 Brian Xuereb persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jaqdi d-doveri tiegħu, bil-ħsieb li beżżgħu jew influwixxa fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz tiegħu;

2) U aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' bieb prinċipali tar-residenza u qmis, liema ammont ta' ħsara ma jkunx jiskorri l-elfejn u ħames mitt euro (€2500), imma jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-detriment ta' Joan Borg.

3) Ħebb għall-Joan Borg u PS 309 Brian Xuereb sabiex jingurjhom, dejjaqhom jew għamilhom il-ħsara u kkaġunalhom feriti ta' natura ħafifa, lill-Joan Borg hekk kif iċċertifika Dr. Adrian Vassallo Med No. 1330 u lill PS 309 kif iċċertifikah Dr Pierre Agius numru ta'

reġistrazzjoni 3727 minn l-Isptar Mater Dei;

4) U aktar talli naqas li jobdi ordijiet leġittimi t'Awtorita' cioe' ta' PS 309 Brian Xuereb, persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijietu billi ma ħalliehx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew għamel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li huwa ien għamel skond il-liġi jew b'xi mod ieħor;

5) U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju;

6) U aktar talli nġurja jew hedded lill Joan Borg jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill- limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-21 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Philip Grima ħati tal-imputazzjoni kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal 13 il-xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artiklu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta gew sospiżi għal zmien tlett (3) snin kif ukoll ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €3,000.

Kif ukoll biex tipprovdi għas-sigurta' tal-parti leża Joan Borg, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment li jifforma parti mis-sentenza u dan għal perjodu ta' tlett (3) snin.

A tenur tal-artikolu 382A tal-Kaptitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta ordnat il-ħruġ ta' Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputat għaf-favur ta' Joan Borg għal żmien tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Grima, ppreżentat fit-3 ta' April, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, billi tħassarha fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberaħ minn kull ħtija u piena skond il-liġi, u f'każ li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor jikkonsistu mis-segwenti:

(1) Il-pulizija u l-parte ċivile ppruvaw ikkabbru l-istorja kemm jifilħu biex jittieħdu passi kontra l-appellant u dan huwa evidenzjat mix-xhieda ta' dawn il-partijiet. Skond dak li ddeskriviet Borg l-appellant kien aggressiv ħafna magħha fejn allegatament fajrilha daqqa ta' ponn, ħatfilha sidirha, żamma b'idejha t-tnejn u pprova jigdmilha l-għaksa, ċirkostanzi mhux korroborati mill-pulizija. Borg tgħid li ma rat xejn mill-inċident bejn l-appellant u l-pulizija. Mill-banda l-oħra, PS309 jgħid li l-appellant hedded li kien ser joqtol u jqatta' biċċiet lil Joan Borg, liema diskors pero kemm Borg kif ukoll żewġha qatt ma semgħu. PS309 u PS1369 entrambe jgħidu li l-appellant daħal ġo PS309 u ħabbtu mal-koxxa tal-bieb. Din l-inċident suppost seħħ quddiem Joan Borg iżda hi tgħid li ma ratux lanqas. Kwindi hemm diversi inkonsistenzi li jqajjmu dubbju. Mill-banda l-oħra l-Qorti m'għandiex tiskarta dak li qal l-appellant u ċioe li meta kien l-għassa kien avviċinaħ PS309 u qallu li kien ser idaħħlu f'ħafna nkwiet u dan b'ċerta sodisfazzjon. In oltre l-inġurji allegatament kommessi mill-appellant huma de minimis u żgur ma jikkorispondux ma' dak li xehdu x-xhieda.

(2) Ma ġietx ippruvata l-ħsara li hu allegatament ikkaġuna fil-konfront ta' Joan Borg. Ma tressqux provi dwar il-valur tal-ħsarat ikkaġunati lill-qmis. Rigward il-bieb kull ma ġiet ippreżentata stima maħruġa minn Anthony's Furniture iżda li ma ġietx ikkonfermata min ħariġha u għalfejn hemm żewġ ċifri ndikati.

(3) Il-piena hija eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi kif seħħew.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza ewlenija li iqanqal l-appellant hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi kien hemm diskrepanza bejn ix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni senjatament bejn dak li jixhdu l-pulizija involuti f'dan il-kaz u l-allegata vittma Joan Borg u zewgha, tant illi fil-fehma tieghu l-Ewwel

qorti ma setatx tistrieh fuq din ix-xiehda konfliggenti.

Illi tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha[1].

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.[3] Ezercizzju li sar quddiem l-Ewwel Qorti li kellha il-vantagg fuq din il-Qorti li tisma' x-xhieda jixhdu quddiemha *viva voce*.

Illi l-Qorti ghalhekk ghamlet ezami mill-gdid tal-atti u dan bil-ghan illi tistharreg jekk l-ilment tal-appellant dirett lejn l-apprezzament tal-provi huwiex wiehed fondat fil-fatt u fid-dritt. Jirriżulta illi nhar il-25 ta' Settembru 2016 għall-ħabta tat-20:30hrs il-pulizija rċevew telefonata dwar argument li kien inqala' bejn żewġ nisa fil-blokka ta' appartamenti fl-indirizz St. John Flats, Triq il-Magna tas-Serrar, Msida, glieda li inqalghet bejn il-parte civile Joan Borg u certu Sara Pinha Cordeino, inkwilina tirrisjedi fl-istess blokk ta' appartamenti. PC1349 u PS309 irrikorrew fuq il-post fejn kif wasslu sabu lil Sara Pinha Cordeino tistennihom barra ma ħabiba tagħha li infurmathom li kienu naqsulha xi mħadded minn fuq il-bejt u kienet qed tallega li dawn hadithomlha Joan Borg u riedithom lura minn ghandha. Infurmathom ukoll li kienet ċemplet lil Romina Zerafa, bint l-appellant, sid l-appartament mikri lilha sabiex tintervjeni f'din it-tilwima. PS309 tela' l-ewwel sular sabiex jieħu l-verżjoni ta' Borg u PC1349 tela warajħ fejn ftit tal-ħin wara daħal raġel b'rabbja kbira jgħajjat u jhedded lil Joan Borg li kien ser jidħol għaliha sabiex 'iqattagħha' u 'joqtolha'. Irrizulta li dan ir-raġel kien l-appellant. PC1349 ipprova jwaqqfu allavolja inutilment peress li Grima irnexxielu jisġiċċalu wara li tlewwem miegħu bl-idejn. PS309 ordna lill-appellant beix jiddesisti mill-azzjonijiet tieghu iżda minflokk Grima daħal ġos-surġent bis-saħħa u ħabbtu mal-koxxa tal-bieb ta' Borg. Is-surġent beda jipprova irazzan lill-appellant milli iħebb għall-Joan Borg li rriżulta hija oħt l-istess appellant. PS1349 tela' t-taraġ sabiex jassisti lil PS309 li ordna lil Joan Borg sabiex tgħalaq il-bieb tal-appartament tagħha. Kif Joan Borg ippruvat tagħlaq il-bieb, l-appellant qabdilha saqajha ħalli jwaqqagħha mal-art u kif tbaxxiet biex tneħħilu idejħ qabadha u qattalha l-qmis li kienet liebsa. Hu ġie konsegwentement

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

immanettjat mill-pulizija f'liema mument Joan Borg irnexxielha tagħlaq il-bieb u hekk kif l-pulizija qajmuh bil-wieqfa, l-appellant ta daqqa b'siequ fuq il-bieb ta' Joan Borg li b'konsegwenza gie mifqugh. L-appellant ġie arrestat fejn sussegwentement wara li ngħatawlu d-drittijiet tiegħu tressaq il-Qorti kif akkużat.

Ikkunsidrat:

Illi abbazi ta' dawn il-fatti probatorji l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghar-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll dak tal-hsara volontarja fit-termini ta'l-artikolu 325(1)(b), oltre numru ta' kontravenzjonijiet meta ħebb kontra Joan Borg u PS309 Brian Xuereb sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmillhom ħsara fejn ikkaġunalhom feriti ta' natura ħafifa, naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija, kiser il-paċi u bon ordni fil-pubbliku b'għajjat u storbju kif ukoll inġurja u ħebb kontra Joan Borg billi ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjon. Dawn il-kontravenzjonijiet huma regolati bl-artikoli 338(dd), 338(ee), 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. .

Illi minn qari tal-aggravji miġjuba 'il quddiem mill-appellant ma jidhirx li hemm kontestazzjoni imsejsa fuq l-interpretazzjoni tal-liġi maghmula mill-Ewwel Qorti dwar in-natura tar-reati addebitati lilu, iżda l-ilment tieghu huwa wiehed fuq il-mertu. Dan qed jingħad peress illi fl-ewwel aggravju huwa jallega li kien hemm inkonsistenza bejn x-xhieda tal-prosekuzzjoni stess li konsegwentement kellu ikollu effett fuq il-kredibbilta' tagħhom, liema kunflitt kellu iservi biex tissaħħah it-teżi tiegħu. Fit-tieni lok l-appellant jilmenta wkoll dwar is-sejbien ta' htija ghar-reat tal-ħsara volontarja fis-sens li fil-fehma tieghu ma tressqitx prova suffiċjenti kemm tal-ħsara kif ukoll tal-valur tal-ħsarat riskontrati f'dan l-incident.

Illi minn ezami tad-deposizzjonijiet tax-xhieda din il-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax tara dik il-kontradizzjoni li l-appellant jallega li tezisti. Ghalkemm huwa minnu illi f'xi dettajli dwar is-sekwenza tal-fatti x-xhieda ma jikkorroborrawx lil xulxin madanakollu dan in-nuqqas ma iwassalx biex tigi skossa l-kredibilita ta'l-

istess. Ibda biex huwa indubitat illi kien l-appellant li wasal fuq il-post b'rabbja kbira fuqu, lest biex jikkonfronta lil ohtu, ighajjat u ighajjarha tant illi ghalkemm il-pulizija bdew jippruvaw irazznuh milli javvicinaha huwa baqa' jippersisti fl-azzjonijiet tieghu. Issa ghalkemm huwa minnu li kienet biss Joan Borg li allegat li l-appellant taha daqqa ta' ponn f'wiċċha, fatt li mhuwiex ikkonfermat mill-ebda wiehed mix-xhieda li kienu prezenti, madankollu għal dak li jirrigwarda l-bqija tal-aggressjoni kemm fizika kif ukoll verbali fil-konfront tagħha, din ġiet ikkonfermata minn iktar minn xhud wieħed kif ukoll miċ-ċertifikati mediċi li ġew eżebiti li jikkonfermaw il-griehi riskontrati, kuntrarjament ghal dak li jallega l-appellant. Fl-istess mod fix-xiehda tieghu, PS309 qatt ma jallega li l-appellant ipprova jigdmu allavolja kemm skond Joan Borg kif ukoll żewġha dawn semgħuħ iwissi lil Philip Grima sabiex ma jigdmux. Dan pero' ma jbiddel u ma jnaqqas xejn mill-aggressjoni li seħħet fil-konfront tal-pulizija mill-appellant li sabiex jipprova jħebb għal oħtu, ħebb kemm għal PC1349 kif ukoll ghal PS309 u m'obdiex l-ordnijiet leġittimi li kienu qedgħin jaghtuh. Fil-fatt huwa baqa' jissielet sakemm avviċina l-apartament fejn kienet Joan Borg, iheddidha li kien ser jagħmlilha l-ħsara u joqtolha.

L-aggressjoni fizika fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija mill-appellant ġiet ikkonfermata kemm mill-pulizija kif ukoll ikkorroborata miċ-ċertifikat mediku maħruġ fil-konfront ta' PS309 fejn il-feriti riskontrati huma kompatibbli mad-dinamika tal-agressjoni kif deskritta mill-pulizija.

Dan ifisser allura illi huwa l-appellant li ma jistax jitwemmen meta jagħti verżjoni totalment differenti mill-bqija tax-xhieda u li kważi jinnega kull allegazzjoni migjuba kontriħ. Il-mod kif inqala' l-argument bejn Joan Borg u l-mara Portugiża huwa irrelevanti għal dan il-kaz taht il-lenti tal-Qorti peress li dak li seħħ qabel l-involviment tal-appellant f'dawn l-inċidenti ma huwiex il-mertu tal-akkuzi addebitati lilu.

Kwindi l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat :

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju marbuta mar-reat tal-offiza tal-hsara volontarja ikkagjonata fuq il-bieb tal-parti leza u l-qmis li tqattghet fl-iskontru, jidher mill-atti proċesswali li hemm stima eżebita a fol.6 tal-process maħruġa minn Anthony's Furniture, Nadur Għawdex, illi tindika li bieb gdied tal-PVC jiswa €485 filwaqt l-valur sabiex jigi imsewwi l-bieb mibrum huwa ta' €200. Issa huwa indubitat illi f'dan l-iskontru l-appellant ikkagjuna l-hsara kif allegat kemm fil-bieb kif ukoll fil-qmis tal-parti leza. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija kif ukoll mill-istqarrija tal-appellant stess fejn hemm prova ċara li l-appellant ta daqqa ta' sieq fil-bieb fejn skond il-pulizija huma semgħu il-bieb ifaqqa bid-daqqa li qala'. Huwa minnu madanakollu li ma xehdux rappreżentanti ta' Anthony's Furniture sabiex jikkonfermaw l-istima maħruġa minnhom u lanqas huwa ċar jekk l-istima tirreferiex għal dan il-bieb partikolari. Ghalkemm l-appellant jikkoncedi li ta bis-sieq lil dan il-bieb, madanakollu jibqa' isostni illi hsara ma gietx ikkagjonata. In oltre ma hemmx prova dwar jekk il-bieb inbidilx jew inkella issewwiex u kwindi anki l-valur indikat mhuwiex ċar jekk jaqax jew le fil-parametri tal-valur tal-ħsarat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Fid-dawl ta' dawn il-fatti probatorji allura huwa difficli ghal din il-Qorti tasal ghal kwantifikazzjoni tal-hsara billi hemm dubbju raġjonevoli dwar l-estent tal-hsara ikkagjonata u fhiex verament kienet tikkonsisti.

Maghdud dan allura ghalkemm huwa indubitat illi il-htija ghar-reat tal-offiza tal-hsara volontarja tirrizulta ippruvata u dan meta l-appellant mhux biss ghamel hsara fil-qmis li kienet liebsa Joan Borg, izda ukoll ghamel xi hsara fil-bieb meta tah daqqa ta' sieq, ghalkemm ma hemmx prova dwar l-estent ta' din il-hsara, madanakollu għal dak li jirrigwarda l-parametri legali tal-valur tal-ħsara kkaġjonata, ghandu ikun hemm varjazzjoni fil-piena billi tista' tirrizulta l-htija biss fil-parametri indikati fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Illi jifdal biss biex jigi ikkunsidrat l-aħħar aggravju dwar il-piena li fil-fehma tal-appellant hija waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Jibda biex jingħad illi m'hemmx dubbju li l-piena mposta qedgħa fil-parametri tal-liġi u li l-estremi tar-reati kommessi mill-appellanti ma kenux jirrizultaw li kieku huwa għażel li jikkopera mal-pulizija meta hekk mitlub. L-appellant, izda, tant kien irrabbjat ghal ohtu, li maghha jidher li kellu relazzjoni hazina, illi ghalkemm l-pulizija intervjenew biex jippruvaw irazznu s-sitwazzjoni, dan kienx impossibbli tant kemm kien mitluf l-appellant fir-rabbja li kellu. Madanakollu ser jkun hemm aggustament fil-piena biss biex jigi rifless is-sejbien ta' htija ghall-offiza tal-hsara volontarja taht il-parametri indikati fis-subinciz (c) minflok (b), kif deciz mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte, tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha, b'dana illi fir-rigward tal-akkuża tal-ħsara volontarja għandhom japplikaw il-parametri tal-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, tvarja ghalhekk il-piena inflitta u konsegwentement tikkundanna lill-appellant Philip Grima għall-perijodu ta' sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġi sospiz għal zmien tlett snin mil-lum, filwaqt li tikkonferma l-multa u l-ordni ta' protezzjoni u ta' trażżin kif imposti kontriħ mill-Ewwel Qorti, bil-perijodu taz-zmien hemmhekk indikat ghandu jibda jidekorri mil-lum.

Din il-Qorti reġgħet spjegat il-konsegwenzi ta din il-piena lill-appellant jekk jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu bis-sentenza taghha.

(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur